*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tal-Laqgha numru 4/15 tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2015 fil-5:30p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Joseph Farrugia (J.F.) |
| Vici-Sindku | Kevin Barun (K.B.) |
| Kunsilliera | Joseph Baldacchino (J.B.)<br>Carmelo Cachia (C.C.)<br>Charles Muscat (C.M.)<br>Stanley Zammit (S.Z.) |
| Skuzata | Bernardette Pace (B.P.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari u approvazzjoni ta' Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Estimi Annwali 2015
5. Measure 413.A5
6. Approvazzjoni ta' hlasijiet (Skeda 03/2015)
7. Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv
8. Bye-Laws
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Segrearju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera
10. Affarijiet ohra
11. Aggornament

**Talba**

Is-Sindku flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**01** **Qari tal-Minuti**

01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, Seduta numru 03/15, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carol Muscat, issekondata mis-Sur Stanley Zammit il-minuti gew unanimament approvati.

01/03 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**02** ***Arisings* mill-Minuti**

02/01 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Agent Segretarju Ezekuttiv dwar eventwali zviluppi b'konnessjoni ma' minuta 13/09 tas-Seduta precedenti. L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi hekk kif maqbul kienet intbaghtet il-korrispondenza. Is-Sur Zammit talab kopja tal-korrispondenza.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta is-Sur Kevin Barun (18:00)

**03** **Korrispondenza**

03/01 Ittra datata 27 ta' Frar li permezz taghha s-Sur Yanes Desira informa lill-Kunsill Lokali illi kien garrab xi hsarat fil-vettura tieghu kawza ta' hofra li kien hemm fi 'Triq Kalafrana'.
Is-Sur Joseph Baldacchino qal illi simili ghal dan l-ilment, il-Kunsill Lokali kien ircieva numru ta' ilmenti ohra minghand sidien ta' vetturi li jallegaw illi sofrew hsarat fil-vetturi taghhom kawza ta' hofor fit-toroq. Is-Sur Baldacchino zied jghid illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jahtar bord kompetenti sabiex jevalwa tali talbiet u jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu li kellu jinhatar l-imsemmi bord li kellu jkun kompost mis-Sinjuri Victor Bugeja (avukat tal-Kunsill Lokali), Carmelo Cachia (Kunsillier) u Carmel Cacopardo (perit u contracts manager tal-Kunsill Lokali). Is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jistabbilixxi liema parti mit-triq in-kwistjoni kienet taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali u liema parti kienet taqa' taht ir-responsabilita' tal-Freeport. Kien hemm qbil mas-suggeriment tas-Sur Zammit

03/02 Permezz ta' ittra datata 1 ta' Marzu 2015, is-Sur Joseph Camilleri informa lill-Kunsill Lokali illi kawza ta' hofra li kien hemm fi Triq il-Qajjenza kien garrab xi allegati hsarat fil-vettura tieghu u talab kumpens ghall-ispejjez li kien ghamel sabiex tissewwa' l-hsara.
Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi hekk kif diga' stabbilit waqt l-istess seduta t-talba tas-Sur Camilleri kellha tigi evalwata mill-bord li kien gie appuntat.

03/03 Permezz ta' rapport datat 17 ta' Marzu 2015, is-Sur Carl Damato allega illi waqt li kien ghaddej bil-vettura tieghu minn Triq il-Qajjenza, sofra xi hsarat kawza ta' hofra li kien hemm fl-istess triq. Is-Sur Damato talab illi jigi kkumpensat ghall-ispejjez li kien ghamel sabiex isewwi l-vettura tieghu.
Wara li giet evalwata t-talba tas-Sur Damato, il-Kunsill Lokali qabel illi t-talba ghall-kumpens tigi evalwata mill-bord li kien gie ffurmat waqt l-istess seduta.

03/04 Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Frar 2015, il-kumpanija Blues Ltd. talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi l-istess kumpanija taghmel xi reklamar ma *pedestrian guards* fil-lokalita'.
Filwaqt li kien hemm qbil fil-principju mat-talba ta' Blues Ltd. gie deciz illi l-istess kumpanija kellha tigi infurmata illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jistenna illi jidhlu fis-sehh bye-laws li jirregolarizzaw ir-reklamar fuq l-ghamara tat-toroq u ghaldaqstant kien ikun aktar ghaqli kemm il-darba din il-materja tigi dikussa galadarba jidhlu fis-sehh l-imsemmija bye-laws.

03/05 Permezz ta' ittra datata 5 ta' Marzu 2015, is-Sur Fabio Spatafora talab lill-Kunsill lokali laqgha sabiex ikun jista' jiddiskuti l-possbilita' ta' uzu ta' xi zoni kostali fil-lokalita'. Is-Sur Spatafora sahaq illi kien lest illi jipprezenta pjan ta' hidma ghall-uzu taz-zona msemmija.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi din il-materja kellha tigi diskussa aktar tard minn legislatura gdida.

03/06 Permezz ta' e-mail datat 6 ta' Marzu 2015, Animal Guardians Malta talbet lill-Kunsill Lokali sabiex jinnomina rapprezentant minn sotto-kumitata apposta sabiex jahdem id f'id mal-istess organizzazzjoni.
Kien hemm diskussjoni qasira li matulha gie stabbilit illi filwaqt li l-ideja ta' Animal Guardians Malta kienet tajba hafna, l-Kunsill Lokali kellu jistenna sakemm tinhatar legislatura gdida sabiex jahtar is-sotto-kumitat in-kwistjoni.

03/07 Permezz ta' e-mail datat 10 ta' Marzu Outdoor Living talbet lill-Kunsill Lokali permess sabiex ghal numru ta' granet tkun tista' taghmel uzu minn grawnd tal-futbol li kien jinstab fil-bajja s-sabiha.
Wara li gew evalwati r-rekwisiti ta' Outdoor Living, is-Sur Kevin Barun qal illi kienet qieghda tigi evalwata l-possibilita' illi jittellghu xi attivitajiet fil-facilita' msemmija u seta' jkun hemm xi granet illi fihom jahbtu l-attivitajiet. Finalment, intlahaq qbil unanimu illi kemm il-darba ma jkun hemm ebda attivita' fil-granet mitluba il-Kunsill Lokali kellu johrog il-permessi mehtiega sabiex jittellghu l-attivitajiet proposti.

03/08 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Marzu 2015, is-Sa. Maria Vella Galea infurmat lill-Kunsill lokali illi hekk kif sehh fis-snin imghoddija kien hemm il-hsieb illi tittella' triathlon race nhar il-hadd 17 ta' Mejju 2015 fil-lokalita'. Is-Sa Vella-Galea talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi johrog no objection letter filwaqt li stiednet lis-Sindku sabiex jiftah l-attivita'
Is-Sur Kevin Barun qal illi kien gie avvicinat mill-organizzaturi tal-attivita' u kien gie infurmat illi l-preparamenti u l-permessi mehtiega minghand terzi kienu qieghdin jinkisbu. Segwiet diskussjoni libera li matulha giet diskussa t-tema ta' sigurta' waqt l-imsemmija attivita'. Finalment, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghall-attivita'.

03/09 Permezz ta' ittra datata 16 ta' Marzu 2015, is-Sur Carmel Cacopardo, *contracts manager,* informa lill-Kunsill Lokali illi l-proprjeta' tal-ufficini amministrattivi kienet giet mghoddija lill-Kunsill Lokali b'kera u mhux b'cens hekk kif kien mifhum. Is-Sur Cacopardo ta parir lill-Kunsill Lokali illi jaghmel talba lill-kummissarju tal-artijiet sabiex tinbidel in-natura tal-qbil bejn iz-zewg partijiet b'konnessjoni mal-fond imsemmi.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jaddotta l-parir tas-Sur Cacopardo.

03/10 Permezz a' e-mail datat 17 ta' Marzu 2015, is-Sur Lino Bartolo stieden lill-Kunsill Lokali sabiex jiehu sehem fil-wirja annwali tal-Hortikoltura li kienet ser tinzamm f'Mejju 2015.
Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali kellu jippartecipa hekk kif ghamel fis-snin imghoddija.

03/11 Permezz ta' ittra datata 12 ta' Marzu 2015, id-Dipartment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali bl-iskema ta' ghajnuna finanzjarja ghall-korsijiet ta' lifelong learning ghall-2015-2016.
Wara li gew evalwati d-dettalji tal-iskema, kien hemm qbil illi l-Vici-Sindku kellu jiehu hsieb jevalwa l-possibilita' illi l-Kunsill Lokali japplika kemm il-darba jsiru l-arrangamenti mehtiega mal-iskola primarja.

**04** **<u>Estimi Annwali 2015</u>**

04/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tal-estimi annwali ghas-sena finanzjarja 2015. Is-Sur Hall zied jghid illi abbozz tal-istess estimi finanzjarji kienu diga' tqassmu lill-Kunsilliera minn qabel is-seduta u stieden lill-Kunsilliera sabiex jaghmlu l-interventi taghhom. Segwew numru ta' mistoqsijiet relatati mat-tema li principalment kienu jikkoncernaw l-infiq tal-Kunsill Lokali matul l-2015. Is-Sur Hall imbaghat ghadda sabiex jaghti spjega dettaljata ta' dak li kien qieghed jigi ppjanat illi jdahhal u jonfoq il-Kunsill Lokali matul l-2015. Huwa zied jghid illi l-2015 kienet ser tkun sena ta' transizzjoni finanzjarja illi matulha l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed ihejji bazi tajba ghas-snin segwenti.

04/02 Wara konsiderazzjoni fuq proposta tas-Sur Kevin Barun issekondat mis-Sur Carol Muscat, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-estimi finanzjarji hekk kif proposti.

**05** **<u>Measure 413.A5</u>**

05/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien jinhtieg illi tittiehed decizjoni dwar il-mizura msemmija. Is-Sur Hall zied jghid illi wara li kien gie evalwat tajjeb ix-xoghol mehtieg b'konnessjoni ma mizura 413.A5, li kienet tikkoncerna xoghol ta' zvilupp fiz-zona ta' Benghajsa ( Misrah P.P. Saydon), kien gie stabbilit illi sabiex isir ix-xoghol mehtieg, kien jinhtieg illi jsiru xi xoghol li ma kienx kopert mill-progett u ghaldaqstant kien ser ikollu jsir minn fondi tal-Kunsill Lokali.

Segwiet diskussjoni libera li matulha gew diskussa fost affarijiet ohra l-ispejjez li kien ser ikollu jidhol ghalihom il-Kunsill Lokali. Finalment, kien hemm qbil unanimu illi minhabba ragunijiet ta' hin u finanzi il-Kunsill Lokali kellu jwaqqaf kull xoghol relatat mal-progett.

**6** **<u>Approvazzjoni ta' hlasijiet (Skeda 03/2015)</u>**

06/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda Nru. 03/2015) ghall-approvazzjoni.

06/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondat mis-Sur Carmelo Cachia, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**7 <u>Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv</u>**

07/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif maqbul, kienet regghet inharget sejha sabiex jimtela' l-post ta' Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Hall zied jghid illi saz-zmien tal-gheluq, il-Kunsill Lokali ma kienx ircieva applikazzjonijiet u CVs minn persuni eligibbli sabiex jimlew l-imsemmi post u talab lill-Kunsilliera prezenti jiehdu decizjoni dwar il-materja.

07/02 Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu johrog sejha mill-gdid sabiex jimtela' l-post vakanti. Id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kellu jigi infurmat b'kull zvilupp.

**8 <u>Bye-Laws</u>**

08/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-kunsilliera prezenti illi hekk kif maqbul fis-seduta precedenti u sabiex ikun konformi mal-ligijiet, il-Kunsill Lokali kien ippubblika fil-gazzetta tal-Gvern u gurnali kwotidjani sejha sabiex il-pubbliku ikun jista' jara u jghaddi l-kummenti u suggerimenti tieghu rigward settijiet ta' bye-laws li l-Kunsill lokali kien qieghed jipproponi illi jadatta ghal-lokalita'. Is-Sur Hall zied jghid illi b'konnessjoni mat-tema u saz-zmien stabbilit il-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda kumment mill-pubbliku

08/02 Wara diskussjoni qasira, fuq proposta tas-Sur Kevin Barun, issekondata mis-Sur Carol Muscat u li ghaddiet b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali qabel illi jressaq ghall-approvazzjoni tal-awtoritajiet il-bye-laws hekk kif abbozzati mill-istess Kunsill Lokali.

**9 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera</u>**

9/01 Is-Sur Kevin Barun qal illi kien gie avvicinat mill-Kunsill Malti ghall-Isports li kien wera l-intenzjoni illi tittella' gimgha sports fil-lokalita'. Is-Sur Barun zied jghid illi l-intenzjoni kienet illi tintuza z-zona tal-bajja s-sabiha ghal gimgha ta' attivitajiet sportivi bejn is-7 u t-13 ta' Settembru 2015.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba ikun possibbli l-gimgha attivitajiet tittella' hekk kif propost

9/02 Is-Sur Kevin Barun qal illi fl-opinjoni tieghu, l-operat tal-freeport kien qieghed jaffettwa lill-ghawwiema li jkunu qieghdin jaghmlu uzu mill-bahar tal-vicin u talab lill-Kunsilliera jevalwaw il-possibilita' illi tintbaghat e-mail sabiex tingibed l-attenzjoni dwar il-materja.
Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu pariri legali qabel jiehu xi tip ta' azzjoni.

9/03 Is-Sur Carmelo Cachia, qal illi minhabba l-fatt illi ma kienx ser ikun qieghed jikkontesta l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li kienu ser isiru f'April 2015, xtaq jawgura lill-legislatura gdida hidma fejjieda favur Birzebbuga.

9/04 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward proposta li kellu l-Kunsill Lokali ghal parti mill-parkegg li kien okkupat mill-Enemalta (Tal-Gass) fiz-zona tal-Qajjenza.
L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul kienet intbaghtet korrispondenza dwar il-materja.

9/05 Is-Sur Stanley Zammit informa lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif maqbul kienu gew installati tliet lampi li kienu gew approvati mill-korporazzjoni Enemalta.

9/06 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-Kunsill Lokali kien ircieva l-approvazzjoni ghal installazzjoni ta' zewg lampi godda fi Triq il-Qajjenza u Triq l-Ghannejja.
Wara diskussjoni libera, filwaqt li kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni sabiex titwahhal il-lampa ta' Triq il-Qajjenza, kellu jigi stabbilit jekk il-lampa ta' Triq l-Ghannejja kenitx ser tahbat fi proprjeta' pubblika jew privata.

09/07 Is-Sur Stanley Zammit qal illi x-xoghol li kien qieghed jigi propost ghaz-zona ta' biswit Ferretti Battery kien jammonta ghal madwar €800.
Kien hemm qbil unanimu illi x-xoghol in-kwistjoni kellu jsir. Qabel dan pero', kellu jsir kuntatt mas-Sur Silvio Carabott sabiex jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet mehtiega.

09/08 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali min kien ser jaghmel ix-xoghol propost fi Triq Birzebbuga.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi x-xoghol kellu jsir permezz ta' inmates taht is-supervizjoni tal-perit tal-Kunsill Lokali

09/09 Is-Sur Carol Muscat staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm il-hsieb illi jsir ix-xoghol ta' planka li kien semma fil-passat ghal Triq Birzebbuga.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba ikun possibbli x-xoghol kellu jsir.

09/10 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi wara li hekk kif maqbul kienet intbaghtet ittra lir-residenti ta' Triq il-Borok u Triq il-31 ta' Marzu l-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda komunikazzjoni minghand ir-residenti.

09/11 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi jinhatar bord ta' evalwazzjoni ghas-sejha ghall-offerti numru BBGLC02/15. Wara diskussjoni libera gie stabbilit illi l-bord kellu jkun iffurmat mis-Sindku, il-Vici-Sindku, is-Sa. Bernardette Pace, is-Sur Stanley Zammit, is-Sur Joseph Baldacchino u s-Sur Emmanuel Mangion

**10 <u>Affarijiet Ohra</u>**

10/01 Ma kienx hemm

**15 <u>Aggornament</u>**

Is-Seduta spiccat fit-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it-Tnejn 6 t'April 2015 fil-5:30 p.m.

_____________________ _____________________

**Joseph Farrugia**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**A/Segretarju Ezekuttiv**

Data: _____________________